# RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2014

## INTRODUZZJONI

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalità għas-sena 2015 u li parti minnha tinkludi rapport tal-ħidma għas-sena ta' qabel filwaqt li toffri informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill għax-xhur li ġejjin.

Filwaqt li din is-sena wieħed ftit seta' jara proġetti kapitali jseħħu, meta mqabbel mas-snin ta' qabel, dan ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed iħejji pjanijiet għall-futur.

Is-sena 2014 infatti kienet sena attiva mmens fejn jidħlu inizjattivi innovattivi, edukattivi u ambjentali. Il-Kunsill ħass li ma jistax jibqa' biss marbut mal-funzjonijiet statutorji tiegħu iżda ried jimxi l-quddiem u jiggwida lir-residenti biex huma wkoll jagħtu s-sehem tagħhom favur dinja aħjar.

Dawn l-inizjattivi jinkludu:

**Impenn biex tintuża aktar l-enerġija alternattiva u rinovabbli** – Il-Kunsill daħal fi proġett li involva studju bir-reqqa biex jikkommetti ruħu li jaħdem biex titnaqqas l-enerġija b'użu ta' *fossil fuels* u aktar enerġija b'sorsi rinovabbli u sostenibbli. Infatti l-Kunsill lesta pjan li jissejjaħ *Sustainable Energy Action Plan* (SEAP) b'azzjonijiet li jrid jieħu minn żmien għal żmien biex jgħin ħalli l-pajjiż jilħaq il-miri tiegħu li jnaqqas l-emmissjonijiet b'20% sal-2020. Nistqarru li ħafna inizjattivi li jistgħu jittieħdu f'dan ir-rigward jiddependu fuq deċiżjonijiet tal-Gvern Ċentrali iżda b'dan ma jfissirx li għandna dejjem nibqgħu nistennew minn ħaddieħor, u dak li nistgħu nagħmlu aħna, jew aħjar jekk nistgħu inkunu aħna l-forza li tmexxi lil min irid jieħu d-deċiżjonijiet, allura l-Kunsill huwa kommess li jagħmel dan.

Relatat mal-emissjonijiet, imma speċifikament fuq l-emmissjonijiet mill-vetturi l-Kunsill ħejja l-ewwel qafas ta' dak magħruf bħala SUMP, li jfisser *Sustainable Urban Mobility Plan*. Dan bil-għan li kemm jista' jkun inaqqas it-tniġġiż fl-arja mill-vetturi. Anki hawn il-Kunsill għandu

limitazzjonijiet kbar fis-sens li wkoll jiddependi minn policies u permessi mill-Gvern Ċentrali. Jiddependi iżjed però fuq it-tibdil tal-mentalità tal-poplu tagħna li sfortunatament għadu m'għarafx biżżejjed il-benefiċċji kbar meta wieħed inaqqas l-użu tat-trasport privat tiegħu għal kull ħaġa ta' xejn. Dan jikkawża ħsara mhux biss lill-ambjent iżda ħsara fiżika meta tant għandna bżonn niċċaqilqu.

F'Ġunju infatti l-Kunsill ħa l-inizjattiva li jorganizza jum ta' trasport sostenibbli u fih il-Kunsill daħal għal impenn flimkien mal-*Bicycle Advocacy Group* biex iħeġġeġ aktar nies jużaw ir-roti u b'hekk jgħin fis-saħħa fiżika u jnaqqas it-tniġġiż fl-arja. Kienet attività li ġibdet l-attenzjoni tal-Ministeri tal-Ambjent u tat-Trasport li faħħru din l-inizjattiva. F'din l-attività l-Kunsill saħansitra ħatar lis-Sur Cedric Galea Pirotta bħala l-Ambaxxatur taċ-Ċikliżmu. Inizjattiva oħra simili saret f'Settembru bħala parti mill-attivitajiet Ewropej *In Town without my car* jew kif inhi aktar magħrufa l-*Car Free Day*.

Preokkupazzjoni oħra tal-Kunsill hija t-tniġġiż fl-arja b'riżultat tal-barrieri fl-inħawi ta' San Pawl tat-Tarġa. Dwar dan il-Kunsill ukoll għandu limitazzjonijiet kbar x'jista' jagħmel iżda, wara interventi diretti mir-residenti mal-MEPA, il-Kunsill ta l-kontribut tiegħu billi għamel l-arranġamenti meħtieġa biex ikun jista' jitqabbad l-apparat biex isir l-ittestjar tal-arja. Sfortunatament l-ittestjar ma sarx fil-perjodu sħun u xott u allura nemmnu li r-riżultati ma jirriflettux is-sitwazzjoni reali l jgħaddu minnha r-residenti b'mod partikulari fis-sajf.

Inizjattivi oħra relatati mal-ambjent u marbuta ma' miri oħra Ewropej kienu jinvolvu l-iskart. Il-Kunsill kompja jħeġġeġ dwar is-separazzjoni tal-iskart u kien għalhekk li organizza attivitajiet marbuta mal-Ġimgħa Ewropea favur it-tnaqqis tal-iskart. Dwar dan għamilna arranġamenti mal-każini biex jisseparaw aktar skart filwaqt li għamilna ġabra ta' ħwejjeġ użati. Dan wassal għal tnaqqis fl-iskart u wkoll għal riċiklaġġ, ċoè tnaqqis ta' materjali biex isiru prodotti ġodda.

B'arranġamenti mal-iskema Green MT il-Kunsill kien qiegħed ukoll

jippremja lil min jissepara l-iskart tiegħu u għalhekk kull tant żmien jitqassmu *vouchers* lil uħud li jkunu nstabu li qed joħorġu l-borża l-griża. Dan isir *at random* f'toroq speċifiċi.

Il-Kunsill beda wkoll jiġbor il-ħġieġ minn wara kull bieb fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar. Nittamaw li l-ammont ta' ħġieġ miġbur ikompli jiżdied.

Dwar dan nistgħu inħabbru li l-Kunsill, fil-ġimgħat li ġejjin, se jkun qiegħed jidħol f'kuntratt ieħor, din id-darba mal-iskema Green Pak, u li permezz tiegħu se jkunu qed jittieħdu numru ta' inizjattivi ġodda. Fosthom, biex inħeġġu aktar nies jisseparaw l-iskart tagħhom, se nkunu qed inqassmu boroż ħodor, minflok il-griża, lir-residenti kollha tul it-tliet snin tal-kuntratt. Dan ifisser li r-residenti mhux se jkollhom għalfejn jixtru aktar boroż griżi jew ħodor. Se tkun qed tintensifika wkoll il-kampanja biex jitnaqqas l-iskart kemm fl-iskejjel kif ukoll fid-djar.

Aktar dwar l-ambjent; il-Kunsill beda l-pjanijiet tiegħu is-sena l-oħra biex din is-sena qed inkunu nħeġġu aktar residenti jżejnu d-djar tagħhom bi pjanti ħalli b'hekk dejjem nagħtu dehra isbaħ lil-lokalità. Qed norganizzaw korsijiet tal-ġardinaġġ u se nkunu qed inniedu kompetizzjoni għall-isbaħ faċċati, sqaqien eċċ.

Il-Kunsill ħa wkoll diversi inizjattivi favur is-settur tan-negozju u tat-turiżmu li finalment ukoll iwassal għal aktar kummerċ lokali. Dawn l-inizjattivi wasslu biex il-Kunsill Lokali rebaħ il-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ għall-Intrapriża tal-2014 u wkoll rebaħ id-dritt li jipparteċipa fil-premjijiet Ewropej f'Ottubru 2014 f'Napli. Apparti n-numru ta' inizjattivi li ttieħu l-Kunsill qiegħed iħejji biex joħroġ offerti biex ikun hawn numru ta' tabelli ta' kwalità għolja li joffru direzzjoni għan-negozji tal-lokalità.

Kien inkoraġġanti l-fatt li f'Novembru tas-sena l-oħra sirna nafu li l-kummerċ fin-Naxxar żdied b'mod sostanzjali u għalhekk jidher li l-inizjattivi li ħa l-Kunsill kienu ta' kontribut siewi.

Dwar it-turiżmu l-Kunsill, flimkien ma' erba' lokalitajiet Ewropej oħra, rebaħ proġett ta' *networking* b'fondi Ewropej. Is-sieħba huma Cagliari f'Sardegna,

Burgos fi Spanja, Agia Larissa fil-Greċja u Strumyani fil-Bulgarija li huma l-*leaders* tal-proġett. F'Ottubru kellna l-ewwel żjara fi Strumyani bħala laqgħa ta' introduzzjoni u li għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. F'Jannar imbagħad saret laqgħa f'Mandas, Cagliari u li għaliha l-Kunsill involva, apparti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, tmien persuni oħra li jistgħu joffru kontribut u li jistgħu jitgħallmu kif jista' jiżdied it-turiżmu rurali u kulturali. Żjara u laqgħat oħra se jsiru l-ġimgħa d-dieħla f'Agia Larissa l-Greċja fejn se jipparteċipaw persuni oħra differenti. F'Ġunju imbagħad se jsiru attivitajiet u laqgħat f'Malta u għalhekk se nkunu qed nospitaw 40 persuna barranija grazzi għall-fondi Ewropej. Dan kollu għandu jwassal biex in-Naxxar jisfrutta l-potenzjal turistiku tiegħu u li finalment jiżdied it-turiżmu.

Inizjattivi oħra li wasslu għal rikonoxximenti u anki fondi addizzjonali kienu fejn jidħol il-kreattività u l-involviment tal-anzjani biex inżommuhom attivi. Il-Kunsill infatti kompla bil-proġett innovattiv Kreanza li wassal biex irbaħna wkoll il-Premju tal-President għall-Kreattività u permezz tal-fondi tiegħu stajna nkomplu norganizzawh.

Dan il-proġett ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kumitat tal-Valletta 18 tant li qabel li joffri l-għajnuna u l-fondi tiegħu biex proġett simili, iżda bl-isem *Darba Waħda* u li jinvolvi lit-tfal ukoll, ikun organizzat f'numru ta' lokalitajiet. Eżempju klassiku ta' kemm il-Kunsill Lokali Naxxar sewa biex prattiċi tajbin ikunu kkupjati minn lokalitajiet oħra.

## ATTIVITAJIET

Għal sena oħra l-Kunsill baqa' jorganizza numru ta' attivitajiet li kollha kemm huma jgħinu biex jissaħħaħ is-sens komunitarju u biex anki jkattar il-kummerċ. Apparti dawk diġà msemmija fuq, l-attivitajiet kienu jikkonsistu fil:

**Karnival:** Għall-ewwel darba kabbarna din l-attività biex stajna nġibu numru ta' kumpaniji bil-kostum li ħolqu atmosfera mill-isbaħ u li ġibdet ammont kbir ta' nies.

**Kommomorazzjoni tal-20 sena** mit-twaqqif tal-ewwel Kunsill Lokali fin-Naxxar li saret f'Awwissu.

**L-għoti ta' Ġieħ in-Naxxar** li din is-sena ngħata lis-Sinj. Connie Camilleri għall-ħidma tagħha bla waqfien favur il-persuni b'diżabilità. Hija eżempju ta' ċittadin mill-aktar attivi.

Il-Ħadd ta' qabel il-Festa tal-Vitorja l-Kunsill għal darba oħra organizza flimkien mal-għaqdiet lokali, **l-għoti tad-donazzjonijiet għall-Community Chest Fund**. Din is-sena lqajna l-Aġent President l-ET is-Sinj. Dolores Cristina minħabba li l-President tar-Repubbli ka ma setgħetx tattendi.

**Wirja ta' Arti Delizzji u Snajja** li minn sena għall-oħra qed tkompli tkabbar is-suċċess tagħha u, kif mixtieq, qed tattira livell dejjem jgħola tal-arti. Din is-sena saret bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari il-Kunsill ikompli jgħin lil din l-għaqda ġdida biex tikber u tissaħħaħ.

**L-attività tal-Milied** din is-sena wkoll ħadet żvolta ġdida u kienet akbar mis-snin ta' qabel. Għall-ewwel darba l-Kunsill ipprovda tinda fit-triq f'każ ta' Maltemp, tinda li żiedet l-ispiża mhux ftit li iżda permezz tagħha stajna nkomplu għaddejin bl-attività avolja kien il-maltemp. Il-Kunsill huwa kommess li jkompli jkabbar din l-attività minn sena għall-oħra.

**Il-ħarġiet kulturali** ta' kull xahar baqa' jorganizzahom b'mod mill-aktar puntwali u l-interess fihom kompla jikber b'attendenzi tajbin immens. Minn din is-sena l-Kunsill qiegħed jorganizzahom flimkien mal-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari.

**Inizjattivi oħra**

Il-Kunsill baqa' wkoll jorganizza diversi korsijiet tal-kompjuter ECLD, iKids u Learn IT, klassijiet tal-aerobics u pilates, żfin Salsa, Aikido, bizzilla għall-anzjani u anki qari għat-tfal kull nhar t'Erbgħa. Baqa' wkoll jorganizza korsijiet tal-Life Long Learning bil-kollaborazzjoni tad-Diviżjoni tal-Edukazzjoni.

Il-Kunsill beda wkoll ixandar il-laqgħat tal-Kunsill *online* u għalhekk wieħed

jista' jsegwi l-andament tal-laqgħat mill-kumdità ta' daru.

**Proġetti**

Wara li rnexxielu jikseb fondi mill-Gvern Ċentrali u l-permessi neċessarji mill-MEPA, il-Kunsill beda jirrestawra l-istatwi bl-ewwel waħda tkun dik ta' San Pawl. Wara din imiss l-istatwa ta' San Ġużepp u dik tal-Karmnu fil-Pjazza. B'hekk il-Kunsill qed ikompli jħares il-wirt storiku tiegħu.

Il-Kunsill għandu l-proċessi avvanzati biex jibda x-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' Trejqet il-Kampanjol fil-Magħtab u l-parti ta' fuq ta' Labour Ave u parti mill-Pjazza. Beda wkoll il-proċess biex ikunu miksija partijiet ta' toroq oħrajn biex naċċertaw li ngħollu l-livelli tat-toroq tagħna.

Wara dewmien u problemi mhux mistennija, fil-ġimgħat li ġejjin se jkun qiegħed jibda xogħol estensiv ta' kisi tal-isqaqien.

Din is-sena għalhekk wieħed mistenni li jara ammont kbir ta' xogħol iseħħ l-aktar fejn jidħol titjib tat-toroq u l-bankini. Dan naturalment huwa limitat bir-riżorsi finanzjarji li bħala Kunsilli Lokali b'mod ġenerali dejjem inqisu li m'humiex biżżejjed biex il-Kunsill jaqdi l-funzjonijiet tiegħu kif jixtieq il-poplu.

Fil-Magħtab ukoll il-Gvern Ċentrali mistenni jibni mill-ġdid Triq Ħabel Żwejra u parti minn Triq il-Kappella ta' Santa Marija. Skont informazzjoni li għandna dan ix-xogħol għandu jkun lest sal-aħħar ta' Ġunju ta' din is-sena.

Il-Kunsill Lokali ma jonqos qatt milli jesplora l-possibiltà ta' proġetti kbar u għalhekk ħejja pjan għal **respite centre** fuq livelli internazzjonali. Huwa naturali li l-Kunsill qatt ma jista' jkollu r-riżorsi biex iwettaq proġett simili li jiswa miljuni ta' ewro iżda huwa għamel il-kuntatti mal-Gvern Ċentrali u l-Ministeri konċernati bil-ħsieb li jikkunsidraw iwwettqu dan il-proġett fin-Naxxar.

Proġett kapitali ieħor li xtaq iwettaq il-Kunsill kien il-bini ta' sala oħra fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Dan biex il-Kunsill ikompli jkattar is-servizzi li joffri lill-komunità. Il-Kunsill applika fil-bidu tas-sena għall-fondi mill-Gvern

Ċentrali fi skema intiża għal proġetti kapitali kbar iżda sfortunatament jidher li l-Bord tal-Għażla dehrlu li għandu jagħti fondi lil proġetti li fl-opinjoni tagħna huma żgħar u li mhux daqshekk ta' benefiċċju għall-komunitajiet rispettivi.

**Kuntratti**

Fejn jidħlu l-kuntratti s-sena li għaddiet il-Kunsill għadda minn proċessi ta' kuntratti ġodda u li kienet iebsa aktar mis-soltu għaliex il-Kunsill qiegħed ifittex li jtejjeb l-istess servizzi. Id-diffikultà ta' kull Kunsill Lokali hija li jbiddel il-kultura tal-kuntratturi Maltin għal waħda ta' serjetà. Wieħed minn dawn is-servizzi huwa dak tal-ġbir ta' skart imħallat fejn minn din is-sena stajna naraw titjib kbir fil-kwalità permezz ta' trakkijiet kważi ġodda u li jniġġsu inqas. Infatti minn issa l-vetturi kollha użati f'dawn it-tip ta' servizzi u s-servizzi tat-tindif għandhom ikunu mhux inqas minn kategorija Euro 4.

Naturalment hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u li diffiċli nsemmu kollox. Madanakollu tajjeb tkunu konxji li hemm diversi pjanijiet oħra qed jinħmew bħalma huma titjib fi Ġnien il-Ħamrija u l-bini ta' Cat Cafè fl-istess ġnien, kostruzzjoniji ta' Belverederes, studji dwar titjib fit-traffiku fiċ-ċentru u laqgħat ta' informazzjoni fosthom laqgħat għall-konsumaturi.

Qabel ma nagħlaq ippermettuli biex f'isem il-Kunsill insellem lil Dun Evan Caruana, li għamel numru ta' snin bħala Arċipriet fin-Naxxar. Fl-istess ħin nilqgħu lill-Arċipriet il-ġdid, Dun David Gauci. Huwa ta' sodisfazzjon ninnutaw li l-Arċipriet il-ġdid immedjatament sab il-ħin biex jiltaqa' mal-Kunsill u wiegħed il-koperazzjoni sħiħa tiegħu. Minn hawn hekk nawguraw ħidma ta' suċċess lill-Arċipriet.

Nieħu l-opportunità insellem ukoll u nistieden biex nagħmlu minuta silenzju

għall-memorja ta’ dawn il-persuni li ġejjin u li ħellewna fix-xhur li għaddew:

- Dun Matthew
- Il-Kunsillier Louis Bonnici
- It-Tommy u
- Graham Woodall li ħalliena ftit tal-ġimgħat ilu.

Nirringrazzjakom

**Paul Gatt**
**Segretarju Eżekuttiv** 20 ta’ Marzu 2014